Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-15 ta' Settembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Magri)**

**Versus**

**Denis Cachia**
**(546152M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Denis Cachia**, detentur tal- karta tal-identita' numru 546152M;

Akkuzat talli nhar 9 ta' Lulju 2023 bejn 09:30hrs u 18:15hrs gewwa Triq San Mikiel Fgura;

1. Volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli bl- ammont tal- hsara ma jiskorrix l- elfejn u hames mitt euro (€2500) izda iktar minn mitejn u hamsin euro (€250) fuq il-vettura tal-ghamla Kia Sportage bin-numru ta' Registrazzjoni DRE 910 u dan ghad dannu ta' Christian Sapiano;

Talli bejn 6 ta' Settembru 2023 u l- 10 ta' Settembru 2023 gewwa Triq San Mikiel Fgura;

2. Volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli bl- ammont tal- hsara ma jiskorrix l- elfejn u hames mitt euro (€2500) izda iktar minn mitejn u hamsin euro (€250 ) fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin- numru ta' registrazzjoni VAL 073 u dan ghad dannu ta' Valhmor Barbara;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Christian Sapiano u Valhmor Barbara skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat fis-seduta tat-15 ta' Settembru 2023 irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal sena (1) prigunerijia li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn (2) mill-lum.**

Inoltre ai termini tal-**Artikolu 383** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lill-imputat b'garanzija ta' elfejn Ewro (€2,000) ghal sena (1) mill-lum, u dan sabiex ma jdejjaqx, ma jimmolestax u ma jingurjax lil Christian Sapiano u Valhmor Barbara.

Il-Qorti qed tordna wkoll illi ai termini tal-**Artikolu 15A** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ihallas id-danni li kkawza ghall-ammont ta' €1,879.40 fi zmien sena (1) mil-lum.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**